# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

OTTUBRU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 32

# IT-TIFKIRA TAT-8 TA' SETTEMBRU F'GĦAWDEX

Waqt li Malta miġmugħa madwar il-monument tar-Rebħa l-kbira tas-sena 1565 kienet iġġedded it-tifkira ta' dik ir-Rebħa u trodd il-ħajr lil dawk lil-Qalbenin li b'demmhom żejjnuha bl-isbaħ u bl-ogħla ġieħ, ma kienx xieraq li l-gżira tat-tliet għoljiet tibqa' siekta u ma tħollx hi wkoll lehinha f'għanja ta' tifħir. Kellha hi wkoll il-gżira ż-żgħira sehimha fit-taqbida ħarxa, u ħadet hi wkoll il-ħlas tar-rebħa. Jekk f'Malta ċċarċar id-demm f'Għawdex iċċarċar id-dmugħ, dmugħ ta' biki, dmugħ ta' talb lil Alla, dmugħ ta' ferħ meta ġ-ġfien tat-Torok telliefa għabu għal kollox mill-baħar tagħna.

Biex ifakkar f'Għawdex ir-Rebħa tat-8 ta' Settembru 1565 kien magħżul is-Sur Ġużè Aquilina B.A., Għawdxi, magħruf biżżejjed mill-qarrejja tagħna. Kittieb mill-aħjar tal-Malti, student mill-aħjar fost sħabu, mixgħul b'imħabba safja lejn kull ma hu Malti, l-għażla tiegħu biex jitkellem fuq l-aqwa ġrajja ta' Malta u Għawdex ma setgħetx tkun aħjar. U fid-diskors li għamel is-Sur Aquilina wera tassew xi tħoss qalbu. M'hux tlablib fieragħ, mhux tlellix ta' kliem sabiħ li jgħammex l-għajnejn iżda ma jmissx il-qalb, bħalma aktarx nisimgħu meta ssir tifkira ta' ġrajja mgħoddija, iżda ħeġġa ta' qalb li tħoss u tqanqal fi qlub oħra l-ħass tagħha. Kull kelma qisha xrara nar, qisha vleġġa li ttir dritt ġo nofs il-qalb. Malta hi kbira, dan hu l-ħsieb ewlieni tad-diskors, għax mijiet u mijiet ta' snin qabel ma twieldu n-nazzjonijiet kbar tal-lum hi kellha s-snajja tagħha, r-reliġjon tagħha, t-tempji tagħha, ċ-ċiviltà tagħha. Iżda Malta hi iżjed kbira għax fuqha tiddi, bla ma ntfiet qatt, id-dija tas-Salib li għalih tqâbdu, taw ħajjithom u rebħu misserijietna. Jekk irridu ngħożżu l-kobor u l-gieh ta' Artna, nimxu dejjem fid-dija ta' dawn iż-żewġt idwal u nitqâbdu mhux, le, bejnietna, iżda mal-egħdewwa li, mikulin mill-għira, iridu jneżżgħulna l-isbaħ żîna li għandna.

Biex inwieġbu għax-xewqa tal-qarrejja tagħna, sa nġibu hawn sħiħ id-diskors kollu.

P. P. Saydon